**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.),**

**B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Dennis Vella**

Numru: 358/2017

Illum 16 ta' Jannar 2019

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Dennis Vella,** iben John Vella u Elizabeth nee' Spiteri, imwieled fid-29 ta' Mejju 1978, residenti gewwa l-fond 'Arka', Triq Patri Mattew Sultana, Xaghra u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 13978(G), akkuzat talli bejn ix-xhur ta' wara l-1 ta' Jannar 2017 u l-4 ta' Marzu 2017 fir-raba maghruf bhala Tal-Ghama fl-inhawi tat-triq li tiehu ghall-Wasteserv, limiti tax-Xewkija, Ghawdex:

1. Volontarjament ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor billi fforma passaggi u fetah bibien fir-raba u dan ghad-dannu ta' Paul Hili;

2. Bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, imma biss biex jezercita' jedd li jippretendi li ghandu, bl-awtorita' tieghu stess fixkel lil Paul Hili fil-pussess ta' hwejgu, kompletament jew parzjalment billi fforma passaggi fuq l-istess raba;

Rat ir-rapport ta' Dr. Jean Paul Grech prezentat fir-Registru ta' din il-Qorti fid-29 ta' Novembru 2018;

Rat illi b'digriet tal-11 ta' Dicembru 2018 il-Qorti tat cans lid-difiza sabiex tipprezenta s-sottomissjonijiet taghha bil-miktub sas-6 ta' Jannar 2019;

Rat illi d-difiza pprezentat in-nota ta' sottomissjonijiet taghha bil-miktub fl-20 ta' Dicembru 2018.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha;

Semghet il-provi;

Rat li fl-24 ta' Lulju 2017 gew esebiti affidavit ta' PS1233 John Attard dok A, okkorrenza dok B u kwerela datata 21 ta' Marzu 2017 dok C;

Rat li fit-28 ta' Settebru 2018 gie mahtur Dr. Jean Paul Grech bhala perit legali;

Rat ir-rapport li gie prezentat fid-29 ta' Novembru 2018;

Rat li fil-11 ta' Dicembru 2018 id-difiza nghatat l-opportunita' li tipprezenta Nota ta' Sottomissjonijiet u dan sas-6 ta' Jannar 2019 qabel il-Qorti tghaddi ghas-sentenza;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-difiza tal-20 ta' Dicembru 2018.

## KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI

Illi qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-kunsiderazzjonijiet taghha rigward l-imputazzjoniji per se addebitata fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tghaddi biex taghmel numru ta' kunsiderazzjonijiet generali u ohrajn ta' dritt.

### Preliminari[1]

Din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Quddiemha persuna jew persuni jigu mixlija li wettqu reati kriminali. Il-Qorti hija adita bl-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha u li jkunu maghmula mill-prosekuzzjoni. Hemm limitu kemm il-Qorti tista' tkun flessibbli fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha.

[1] Il-Qorti qeghda tibbaza din l-ewwel parti fuq l-ispjega li ta l-kollega l-Magistrat Aaron Bugeja fil-kawza il-**Pulizija vs Joseph Calleja et**. deciza fil-5 ta' Frar 2016

Għalkemm verament li l-komparixxi li fuqha hemm l-imputazzjonijiet hija ritenuta bħala *un avviso a comparire*, l-imputazzjonijiet huma dejjem ta' indoli penali. Ir-regoli tal-procedura ma jistgħux jigu interpretati b'mod wiesa' tali li l-parametri tal-azzjoni penali jigu spustati jew mibdula. Altrimenti d-difiza ma tkunx tista' tiddefendi ruħha kif jixraq.

Quddiem din il-Qorti jekk persuna tinstab ħatja teħel piena. Jekk ma tinstabx ħatja tigi meħlusa mill-imputazzjonijiet dedotti. Il-valutazzjoni dwar jekk persuna tkunx ħatja jew le tiddependi dejjem fuq il-provi li jingiebu quddiemha (u quddiem ebda post jew *medium* ieħor) u l-istess valutazzjoni hija marbuta mal-imputazzjonijiet kriminali li jkunu gew miktuba u prezentati quddiemha mill-Pulizija Ezekuttiva jew skont kif ikunu gew mizjuda jew mibdula fl-istadju opportun – u dejjem mhux aktar tard minn meta l-Prosekuzzjoni tkun iddikjarat il-provi tagħha magħluqa. Altrimenti jekk ma jkunx hekk l-akkuzatur ikun jista' jbiddel il-parametri tal-azzjoni penali skont meta jidhirlu u skont l-andament ta' dak li jkun qed iseħħ jew li jkun irrizulta matul il-kors tal-process penali.

Għalkemm hemm element ta' flessibilita' provdut minn certu gurisprudenza fir-rigward tal-procedimenti quddiem dawn il-Qrati ta' gurisdizzjoni limitata, din il-flessibilita' trid tkun tali li ma tkunx ta' pregudizzju għall-proceduri penali u għad-drittijiet tad-difiza.

Is-setgħat ta' din il-Qorti u r-rimedji li din il-Qorti tista' tagħti f'kull kaz huma limitati u ristretti għal dawk li huma previsti mil-Ligi u fil-Ligi. Din il-Qorti ma għandiex is-setgħa, ossia *carte blanche* li tiddeciedi kif trid u tipprovdi kull rimedju li jidħlilha f'moħħha jew li trid jew li tkun tixtieq tagħti. Il-provvedimenti tagħha huma limitati għal dawk provduti fil-Kodici Kriminali.

Din il-Qorti ma tistax tieħu post jew tissostitwixxi l-Qorti Civili kompetenti jew tagħti rimedji ta' natura civili li mhumiex previsti mill-Kodici Kriminali bħala li jistgħu jigu emanati minn Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

F'kull kaz pero', stante li din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni skont kif spjegat aktar 'il fuq. Aktar minn hekk quddiemha huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-kaz tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinciment morali u sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Mill-banda l-oħra jekk id-difiza tagħzel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet kif sar f'dan il-kaz, huwa bizzejjed għad-difiza li tikkonvinci lil Qorti bit-tezi tagħha fuq bazi ta' konvinciment morali li jistrieħ fuq bilanc ta' probabbilta' u f'kaz li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħossiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputat.

Dawn huwa principji kardinali li jsawru l-procediment penali Malti. Jogħgbuna jew ma jogħgbuniex, dawn huma wħud mir-regoli bazilari li jistrieħ fuqhom il-procediment penali Malti.

Biss din il-Qorti ma tistax tieqaf hawnhekk. Hija marbuta li tiggudika dan il-kaz skont l-akkuza li giet magħmula mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat u ma tistax tbiddel hi bis-setgħa tagħha stess il-parametri tal-kawza intrapriza mill-Prosekuzzjoni u tiddeciedi kif jiftlilha jew tmur lil hinn mill-imputazzjoni prezentata lilha mill-Prosekuzzjoni.

**Oneru tal-Prosekuzzjoni**

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali kunflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat. Pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Graham Charles Ducker**:

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor.

**<u>Apprezzament tal-provi fl-assjem</u>:**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din

il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

**<u>Sintezi tal-provi migbura</u>**

Il-Prosekuzzjoni esebiet affidavit ta' **<u>PS 1233 John Attard</u>**. PS 1233 Attard spjega li fl-erbgħa (4) ta' Marzu 2017 Paul Hili kien għamel rapport fejn spjega li huwa kellu bicca raba' fl-inhawi "Ta' Lambert" fil-limiti tax-Xewkija, Ghawdex. Xi sena ilu Hili kien ta permess lil wieħed Dennis Vella, li ried idaħħal xi affarijiet, biex jiftaħ il-ħajt tal-għalqa tiegħu. Wara sena Dennis Vella kien għalaq parti mill-ħajt imma ħalla passaġġ. Skont Paul Hili, l-imputat ma kellux dritt biex jgħaddi. Iżda meta Hili avvicina lil Vella biex jaghlaq il-kumplament tal-hajt, Dennis Vella beda jsostni mieghu li kellu dritt li jghaddi. Vella ta l-istess verzjoni lill-Pulizija. Is-Surgent temm jghid li Hili ipproduca kwerela biex jibdew proceduri kriminali kontra Dennis Vella.

Ix-xhud **<u>Paul Hili</u>** spjega illi r-raba' in kwistjoni li jinsab tal-Kus, limiti tax-Xewkija, qiegħed għandu bi qbiela. Din iħallasha lil waħda Buttigieg De Piro. Waqt id-deposizzjoni, ix-xhud preżenta kuntratt datat 19 ta' Lulju 1993, li ġie mmarkat bħala dokument PH 1, fejn juri l-kuntratt li bih akkwista l-propjeta` s-sid li lilu Hili jhallas il-qbiela.

Ix-xhud issokta jgħid illi r-raba' ilu għandu għal aktar minn sittin sena u ilu jaħdmu sa minn żmien missieru. Missieru ilu mejjet għoxrin sena. Għamel riferenza għall-paragrafu numru ruman (v)

tal-kuntratt fejn hemm riferenza għar-raba′ "Ix-Xagħra ta′ Trajsu". Spjega li xi sena u nofs aktar qabel Dennis Vella kien talbu biex jgħaddi minn ġo tiegħu biex jibni xi kamra fl-għalqa tiegħu. Hili kien tah il-permess bil-kundizzjoni li ladarba jkun lest kellu jerġa′ jagħmel kollox kif kien. Spjega illi l-imputat kien fetaħ madwar ħmistax-il pied mill-ħajt tal-għalqa tiegħu biex jgħaddi l-affarijet. Mistoqsi kemm ilu hemm dan il-ħajt, ix-xhud wieġeb li dejjem jiftakru hemm.

Ix-xhud kompla jgħid illi l-imputat dam ftit biex għalaq il-ħajt. Kien ħalla fetħa ta′ tlett piedi u dan minkejja li qallu biex jagħlqu ladarba jkun lest. Hili qal illi l-fetħa kien għalaqha darbtejn. Dennis Vella kien imbaghad jerga′ jiftahha. Hili spjega li lil Vella qatt ma kien rah jiftaħha. Pero` indika lilu ghaliex kien Vella li kien għamel passaġġ bir-riġel fuq l-art imqabbla lilu. Ma kien ra lil ħadd għaddej minn dan il-passaġġ ħlief lil Dennis Vella.

Ix-xhud Paul Hili kompla jistqarr li hu kien għamel rapport lill-Pulizija wara li l-imputat reġa′ fetaħ il-fetħa. Ġie muri Dokument "C" preżentat fis-seduta tal-24 ta′ Lulju 2017 u x-xhud ikkonferma li din kienet il-kwerela li saret mill-Avukat tiegħu.

Hili kompla jgħid illi l-passaġġ ġie ffurmat fis-sajf 2016. Spjega illi l-ftuħ u l-għeluq tal-ħajt minnu dam sejjer għal madwar ħmistax (15)-il jum tas-Sajf 2016. Ix-xhud ma setax imur ġo tiegħu minħabba dak li għamel l-imputat u spjega li jrid jgħaddi minn triq oħra. L-aħħar darba li ra lil Vella għaddej minn hemmhekk kien il-gurnata ta′ qabel ma kien qieghed jaghti d-deposizzjoni tieghu. Ix-xhud ikkjarifika illi

kien Dennis li fforma dan il-passaġġ għax qabel ma kienx hemm. Kompla jgħid illi Dennis Vella għadda minnu diversi drabi minn Ġunju 2016 sa dakinhar.

Ġew preżenti mix-xhud ħames (5) ritratti tar-raba' in kwistjoni mill-ajru. Dawn ġew immarkati bħala dokumenti PH 2 sa PH 6. Fir-ritratt immarkat PH 2 il-ħajt tal-għalqa tiegħu kien għadu sħiħ. Fuq ir-ritratt PH 3 ix-xhud immarka l-passaġġ li jużaw il-bdiewa tal-inħawi bi vleġeġ ħomor. Ir-raba' tiegħu ġie indikat bil-vleġġa l-bajda. F'Dokument PH 4 tidher aktar ċara li ma kienx hemm fetħa.

Kompla jispjega illi fl-2012 lanqas kienet hemm il-fetħa li għamel Vella. Tidher biss il-fetħa li għamel ix-xhud. Is-simbolu ta' sħaba li hemm fuq ir-ritratt tindika l-post fejn fetaħ l-imputat. Dan is-simbolu qiegħed fuq ir-ritratt PH 6 fuq il-fetħa li kienet saret. Fuqu ġie indikat ukoll minn fejn suppost jgħaddi Dennis Vella bi vleġeġ ħomor. Temm ix-xhieda tiegħu billi qal li l-inħawi huma magħrufa bħala "Ta' Trajsu" mhux "Tal-Kus".

Fis-seduta tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Novembru 2017 xehed ukoll **<u>Joseph Hili</u>**, li jiġi ħu Paul Hili. Ix-xhud qal illi ħuh għandu f'idejh raba' magħruf bħala "Ta' Trajsu", fil-limiti tax-Xewkija, Għawdex. Hemmhekk ġieli mar kull ġimgħa jew kull xahar.

Ix-xhud spjega illi peress li l-imputat ma kellux mnejn jidħol biex jibni kamra, bi pjaċir tawh aċċess minn ġo tagħhom. L-imputat kellu jiftaħ

bilfors il-ħajt biex jidħol. Ix-xhud assuma li Dennis Vella daħal bit-trakkijiet peress li ried jibni kamra u jdawwarha bil-ħitan.

Spjega illi r-raba' tagħhom li huma kienu jahdmu saret triq. Sakemm l-imputat kien għadu jaħdem, iċ-ċint tal-għalqa kienu għadu miftuħ u minnu seta' jgħaddi trakk. Wara li Vella lesta mix-xogħlijiet, dan baqa' m'għalqux. Sa dakinhar li kien qieghed jixhed ix-xhud il-fetħa kienet għadha l-istess għalkemm idjaq minn qabel. Din kien fiha madwar metru waqt li qabel kienet ftit aktar minn żewġ metri.

Ix-xhud wera lill-esponenti r-raba' in kwistjoni. Dan gie indikat bi vleġġa fuq ir-ritratt PH 5. Spjega illi fuq ir-ritratt PH 5 ir-raba' jidher imdawwar bil-ħajt filwaqt li fir-ritratt immarkat PH 6 jidher li m'hemmx hajt. Ix-xhud spjega li l-ftuħ kien indikat permezz tas-simbolu tas-sħaba.

Għall-mistoqsija meta sar ix-xogħol, ix-xhud wieġeb li ma jafx bl-eżatt. Issokta jgħid illi xorta għadu jarah jgħaddi minn hemm avolja d-dritt ta' passaġġ tiegħu huwa mit-triq ta' fuq. Kompla jgħid illi hemmhekk kien imur ma' missieru u ilu jmur hemm għal dawn l-aħħar ħamsa u erbgħin sena. Iċ-ċint kien dejjem mibni fuq suppost u kien infetaħ minn Dennis Vella.

Fis-seduta tas-sitta (6) ta' Ġunju 2018 sar il-kontroeżami ta' **<u>Paul Hili minn Dr. Kevin Mompalao</u>**. Ix-xhud ikkonferma li l-kuntratt li kien esebixxa kien dak ta' sid l-għalqa tiegħu. Għalkemm kuntratt tal-qbiela ma kellux, din ir-raba' kienet ġiet f'idejh permezz ta' missieru.

Dan kien miet imma ommu, li għadha ħajja, hija l-inkwilina. Hu biss juża dan ir-raba'.

Mistoqsi kif jispjega li ħuh Joseph imur ukoll hemmhekk u x'għandu x'jaqsam magħha, ix-xhud wieġeb li ħuh ġieli mar jgħinu. Spjega li l-art tiegħu tmiss ma' passaġġ. Għall-mistoqsija għalfejn qal li l-għalqa hija mdawra b'ħajt u kif jasal għaliha, ix-xhud wieġeb li l-għalqa in kwistjoni tmiss ma' entratura u hu għandu tlett (3) piedi minn fejn jidħol.

Issokta jispjega illi kien hu li ta l-permess lil Dennis Vella wara li dan kien talbu permess. Vella kien fetaħ il-ħajt għal xi għoxrin (20) pied biex jgħaddi t-trakk bl-inġenji. Hili sostna li kien qallu biex jerġa' jagħmel kollox kif kien ladarba jeħles. Minkejja dan Vella m'għalaqx l-apertura għal kollox anzi ħalla tlett piedi fetħa mill-għoxrin pied. Spjega illi l-fetħa li fetaħ l-imputat Dennis Vella hija mbegħda xi għoxrin (20) pied minn tiegħu. Meta x-xhud kien staqsieh għalfejn ħallieha, l-imputat wieġbu li kien ġab permess biex jgħaddi minnha mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar. Ix-xhud kien għalaq il-fetħa darbtejn iżda l-imputat kien reġa' fetaħha.

Ix-xhud Paul Hili qal illi kien sab il-fetħa miftuħa iżda lill-imputat ma kienx rah jiftaħha. Din il-kwistjoni kienet miegħu mhux ma' ħuh. Spjega illi kien ħeles fix-xitwa imma ma jiftakarx meta għalaq it-tlett (3) piedi fetħa. Lill-imputat rah jgħaddi minnha u kien għadu jarah sa dakinhar. Ix-xhud imur hemmhekk kuljum peress li għandu r-raba' maġenbha.

Kompla jgħid illi qatt ma reġa' kellem lill-imputat minn mindu reġa' fetaħ il-ħajt darbtejn. Dan ghar-raguni li kien għamel il-proċeduri bil-Qorti. Kien wera l-kuntratti u l-mappi biex juri li m'hemmx passaġġi. Spjega illi missieru kien baqa' jaħdem dik l-art sal-aħħar. Mal-mewt ta' missieru d-dar ma kienx baqa' ħutu u dakinhar ix-xhud kien diġà miżżewweġ.

In ri-ezami, Paul Hili ġie mistoqsi għal liema xitwa kien qed jirreferi fil-kontro-eżami tiegħu. Hu wieġeb illi kien qed jirreferi għat-tieni xitwa wara li kien tah il-permess. Dik kienet l-ewwel darba li Hili kien kellem lill-imputat fuq il-kwistjoni tat-tlett (3) piedi fetha li kien ħalla.

Fis-seduta tal-għoxrin (20) ta' Ġunju 2018 sar il-kontroeżami ta' **<u>Joseph Hili minn Dr. Kevin Mompalao</u>**. Ix-xhud spjega illi r-raba' in kwistjoni fih anqas minn tomna u kienet imqabbla għand missieru li llum mejjet. Ommu għadha ħajja. Ħuh għandu raba' ieħor ftit aktar 'l isfel.

Ix-xhud qal illi missieru kien baqa' jaħdimha sal-aħħar u kompla jgħid li bħalissa r-raba' qed jieħu ħsiebha ħuh. Ix-xhud ġieli jmur ġo dan ir-raba' tagħhom. Kompla jispjega illi lilu Dennis Vella qatt ma kellmu. Joseph Hili jistqarr li lil Vella ġieli rah dieħel mir-raba' tagħhom. Ix-xhud qabel ma' dak li ssuġġerilu Dr. Kevin Mompalao illi r-raba' tal-imputat ma tmissx mat-triq. Peress li l-imputat irid jidhol jaghlef, ix-xhud jassumi li l-imputat jidħol kuljum.

Ix-xhud qal illi ġieli mar jgħin lil ħuh fix-xogħol tar-raba'. Xi drabi jmur darba fil-ġimgħa peress li jkun xogħol. Spjega illi gieli kienu jagħmluha basal u gieli xejn. Kien hemm żmien li tħalliet ġmiema madankollu ma jfissirx li ma kinitx f'idejhom tenna x-xhud.

Ix-xhud Joseph Hili ssokta jispjega illi l-art taghhom hija mdawra b'ħajt tas-sejjieħ u jaslu ghaliha minn fetha ġo sqaq. Ilu jara lill-imputat għaddej minn mindu beda jiżviluppa minn Ġunju 2016. Ix-xhud inġibditlu l-attenzjoni illi hu ma ftakarx dati meta xehed iżda issa kien qed jindika data preċiża u ghalhekk gie mistoqsi jekk id-data kienx issuggerihielu xi ħadd. Ix-xhud wiegeb li ftakar d-data ghaliex jahseb. In rieżami, Joseph Hili qal illi l-aħħar darba li kien ra lill-imputat għaddej kien tlett xhur aktar qabel.

Fit-tmintax (18) ta' Lulju 2018 sar aċċess fid-disgħa ta' filgħodu (09.00am) fejn lill-Perit Legali ġie muri fejn suppost għandu l-aċċess Hili kif ukoll is-selħa li nfetħet allegatament minn Vella. Skont Hili l-aċċess ta' Vella huwa minn fuq. Il-Perit Legali gie muri wkoll post aktar 'il fuq mill-ghalqa in kwistjoni fejn ġie allegat li l-aċċess ta' Dennis Vella kien minn dan il-post. Hili sostna li Vella issa ma kienx baqagħlu aċċess minn dan il-post. Dennis Vella ikkontesta dan kollu. Il-Perit Legali ha wkoll numru ta' ritratti li qeghdin annessi mar-rapport tieghu.

KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI DWAR L-AKKUZI

L-imputat Dennis Vella qieghed jigi akkuzat li huwa kiser id-disposizzjonijiet tal-artikolu 325 u l-artikolu 85(1) tal-Kap. 9.

**Artikolu 325 tal-Kap 9**

L-artikolu 325 jattribwixxi htija kriminali lil min volontarjament ihassar, jaghmel hsara jew jgharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli. Il-piena f'dan l-artikolu tiddependi mbaghad mill-valur tal-hsara li tkun giet arrekata. L-element ewlieni ghal sejbien ta' htija taht dan l-artikolu huwa l-element tal-**volontarjeta` tal-hsara**, precizament li l-hsara giet kagunata b'mod deliberat u konxjament mill-persuna akkuzata. Il-kwistjoni imbaghad dwar il-*quantum* tal-hsara hija biss kwistjoni sekondarja u taffettwa biss il-piena li tista' tigi inflitta.

**Artikolu 85(1) tal-Kap 9**

It-tieni akkuza kontra l-imputat hija bazata fuq l-artikolu 85(1) tal-Kap 9 li jipprovdi li *"Kull min, bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, iġiegħel, bl-awtorità tiegħu nnifsu, lil xi ħadd iħallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew ifixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejġu, jew iħott bini, jew jikser il-mixi tal-ilma jew jieħu l-ilma għalih, jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi, jindaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa tliet xhur: - Iżda, il-qorti tista', fid-*

*diskrezzjoni tagħha, minflok il-piena hawn fuq imsemmija,* ***<u>tagħti l-piena tal-multa.</u>***"

Illi l-imputat gie akkuzat bl-hekk imsejha '*ezercizzju arbitrarju ta' pretenzjonijiet*'. Din l-offiza giet klassifikata mill-legislatur taht delitti kontra l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja u Amministrazzjonijiet ohra. Il-Professur Sir Anthony Mamo fin-Notes on Criminal Law fit-tieni volum tieghu qies dawn l-offizi bhala s-segwenti:

*'These crimes attack the State but indirectly, inasmuch as, without being actuated by motives hostile to the Government, they proceed from other causes, often of a private character and affect those social institutions on and by which the machinery of the Government rests and moves: those institutions, that is to say, which provide the means of guaranteeing to every member of the community the integrity of his rights and those benefits which derive from the state of civil society.'*

Fi kliem il-gurista Carrara "*La ragion fattasi e' il delitto di chiunque credendo di aver un diritto sopra cosa nell'altrui possesso, o sopra altro individuo lo esercita malgrado la opposizione vera o presunta di questo, pel fine di sostituire la sua forza privata all'autorita pubblica, senza per altro eccedere in violazioni speciali di altri diritti.*"

Bl-introduzzjoni ta' dan l-artikolu, l-ghan ahhari tal-legislatur kien li jipprotegi l-*istatus quo* kontra min jiehu l-ligi b'idejh, indipendentement minn jekk l-aggressur jew il-vittma jkollux dritt jew le. **<u>Huwa artikolu intiz biex jistabilixxi l-ordni pubbliku u biex</u>**

**ma jhallix lil individwu privat jezercita setgha li fl-ahhar mill-ahhar tispetta lill-awtorita pubblika**. Huwa ghalhekk li l-istess artikolu jinstab fil-parti tal-Kodici Kriminali relatata ma' delitti kontra l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja u Amministrazzjonijiet Pubblici ohra. Fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Anthony Micallef***, il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet ikkummentat hekk fuq il-portata ta' dan l-artikolu:

*"Apparti li l-azzjoni kriminali u l-azzjoni ċivili jitmexxew indipendentement minn xulxin (Artikolu 6, Kap. 9), ir-reat ipotizzat fl-imputazzjoni huwa dak ta' delitt kontra l-amministrazzjoni tal-ġustizzja, u aktar preċiżament id-delitt ta' l-użu kontra l-liġi mill-privat tas-setgħat ta' l-awtorita` pubblika. L**-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali hu intiż mhux biex jipproteġi l-proprjeta`, mobbli jew immobbli, ta' dak li jkun - għal tali protezzjoni hemm l-azzjoni ċivili - iżda biex jipprevjeni l-użurpazzjoni mill-privat tas-setgħat ta' l-awtorita` pubblika**. Isegwi għalhekk li, indipendentement mill-protezzjoni mogħtija permezz ta' l-azzjoni jew azzjonijiet ċivili, jekk jirriżulta bħala fatt li kien hemm l-użurpazzjoni ravviżata fl-imsemmi Artikolu 85, il-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali għandhom jaġixxu tempestivament biex jirristabilixxu l-ordni pubblika permezz tas-sanzjoni penali.*

*Il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali għandhom addirittura s-seta' li jiddeterminaw kwistjonijiet ċivili inċidentali għar-risoluzzjoni tal-vertenza penali."*

Ezami dettaljat tal-elementi kostituttivi ta' dan ir-reat sar mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Giuseppe Bonavia et*** preseduta mill-Imhallef W. Harding.[2] F'din is-sentenza il-Qorti tal-Appell identifikat l-erba' elementi li jridu jigu sodisfatti sabiex wiehed jkun jista' jitkellem minn sejbien ta' htija taht dan l-artikolu:

(a) L-att estern li jispolja lil haddiehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-opposizzjoni espressa jew prezunta ta' dan il-haddiehor. Il-gurista Carrara li hafna drabi jigi citat bhala l-pedament awtorevoli ta' dawn l-erba' elementi ta' raġion fattasi jispjega dan l-element bhala ***"un atto esterno che spogli altri di un bene che gode ..."*** Ikompli jghid li *"Chi e' nell' attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia, non delinque; perchè la legge protegge lo status quo, il quale non può variarsi tranne per consenso degl' interessati, o per decreto dell'autorità giudiciale."*

(b) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt;

(c) il-koxjenza tal-agent li hu jkun qieghed jaghmel *di privato braccio* dak li jmissu jsir permezz tal-awtorita' pubblika jew, fi kliem il-Crivellari, *"la persuasione di fare da se` cio` che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato"*[3]; *u*

---

[2] Deciza fl-14 ta' Ottubru 1944 u riportata f'Vol. XXXII.iv.768. Dawn l-elementi gew riportati f'sentenzi ohra fosthom ***Il-Pulizija vs Emanuel Muscat et***, deciza fit-30 ta' Settembru 1996 mill-Qorti tal-Appell Kriminali.
[3] *Il Codice Penale per il Regno d'Italia Interpretato ecc., Torino, 1895, Vol. VI, pagna 749.*

(d)n-nuqqas ta' titolu li jrendi l-fatt aktar gravi.[4]

L-element intenzjonali huwa importanti ferm ghaliex huwa dak li jikkwalifika dan ir-reat minn reati ohra. Fil-fatt hu ben risaput – u dan johrog anke mill-istess definizzjoni tar-reat in dizamina – li l-istess att materjali jista' jaghti lok ghar-reat ta' **ragion fattasi** jew ghal reati ohra (hsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dan ir-reat ta' **ragion fattasi** jew xi reat iehor ikun jiddependi mill-intenzjoni tal-agent. Hu rrelevanti jekk din l-intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika.[5]

Fil-fatt fis-sentenzi fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Eileen Said***[6] u ***Il-Pulizija vs Vincent Cortis***[7], il-Qorti tal-Appell Kriminali kompliet telabora li *"element kostituttiv ta' dan ir-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' haddiehor, per ezempju. Ghalhekk hemm bzonn li ssir indagini fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li kkommettiet dan ir-reat biex taghmel dak li ghamlet. L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu it-tgawdija taghha."*

---

[4] Ara, fost diversi sentenzi, ***Il-Pulizija vs. Salvatore Farrugia***, Appell Kriminali 14 ta' Dicembru 1957, Vol. XLI.iv.1506; ***Il-Pulizija vs. Carmel sive Charles Farrugia***, Appell Kriminali 17 ta' Frar 1995; ***Il-Pulizija vs. Carmelo Ciantar***, 18 ta' Settembru 1996. Ara wkoll Falzon, G., ***Annotazioni alle Leggi Criminali*** *(Malta)*, 1872, p. 123.

[5] Ara f'dan is-sens is-sentenza ***Il-Pulizija vs Mario Lungaro***, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' Novembru 1996.

[6] Deciza fis-19 ta' Gunju 2003

[7] Deciza fis-27 ta' Novembru 2008

Mhuwiex il-kompitu tal-Qorti ta' Gudikatura Kriminali li tidhol u tezamina l-kwistjoni dwar jekk il-proprjeta` hijiex tal-kwerelant jew le. Ghall-fini tar-reat ipotizzat fl-artikolu 85(1) huwa sufficjenti li l-kwerelant jgib il-prova li huwa ghandu xi forma ta' pussess jew inkella detenzjoni.[8] Difatti fil-kawza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Bongailas***, il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet ghamlitha cara li: *"Li hu importanti, ai fini ta' l-Artikolu 85 tal-Kap. 9, dejjem riferibbilment għall-ewwel element kostituttiv tiegħu huwa jekk effettivament sa dik in-nhar li sar dan l-allegat att ta' spoll mill-appellant, **kellhomx il-kwerelanti l-pussess, ossija l-uzu u/jew id-dgawdija tal-fond in kwistjoni".***

L-istess principju gie rijaffermat fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Joseph Attard.***[9] Il-Qorti sahqet li: *"Ir-reat ipotizzat fit-tieni imputazzjoni huwa dak ta' delitt ta' uzu mill-privat kontra l-ligi tas-setghat ta' l-Awtorita` Pubblika. Ghas-sussistenza ta' l-ipotesi tal-ligi skond l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali bazikament dak li jrid jigi determinat huwa jekk il-kwerelanti kellux **pussess tutelabbli** tal-passagg, li seta' jikkonsisti sew minn pussess materjali, sew minn wiehed ta' detenzjoni."*[10]

Ghalhekk ai fini ta' dan ir-reat u cioe dan ta' *ragion fattasi* il-pussess materjali jew detenzjoni huwa sufficjenti. Dan gie rikonoxxut ukoll fis-sentenzi fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Mario Bezzina**[11] u **Il-Pulizija v. John Cassar et**[12]. Fl-ewwel sentenza, il-Qorti tal-Appell Kriminali

[8] Ara sentenza Il-Pulizija vs Dr. Michael Caruana – deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fit-2 ta' Ottubru 2012 (Kawza Nru 103/2009).
[9] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Settembru 2008.
[10] Ara wkoll Il-Pulizija vs George Zahra – Appell Kriminali deciza fis-16 ta' Lulju 1958.
[11] Appell Kriminali, deciz fis-26 ta' Mejju 2004.
[12] Appell Kriminali, deciz fl-24 ta' Jannar 2007.

rriteniet li: *"Għall-finijiet tar-reat ta" ragion fattasi "il-pussess materjali, jew detenzjoni, hu suffiċjenti għall-avverament tal-ipotesi tal-liġi" (ara appell* ***kriminali Il-Pulizija v. George Zahra***[13]*). Min ikollu oġġett misluf lilu għat-tgawdija tiegħu għandu il-pussess materjali ta"dak l-oġġett. Taħt l-artiklu 85 tal-Kodiċi Kriminali ma hemm ebda bżonn li jiġi pruvat xi element ta" pussess aktar sostanzjali minn hekk"*

Jehtieg wkoll li jkun hemm l-oppozizzjoni tacita jew espressa tal-persuna l-ohra. L-agent irid ikun jaf li dik il-persuna ghandha t-tgawdija ta' dak id-dritt u li dik il-persuna qed topponi espressament jew tipprezumi li ser topponi ghat-tnehhija ta' dak id-dritt. Din l-oppozizzjoni hija rikjesta *sine qua non*.

Fl-ahhar nett kif irriteniet ukoll il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **Il-Pulizija vs Gona Caruana** sucitata *"sabiex jirrizulta r-reat ta' ragion fattasi, l-intenzjoni sabiex jigi ezercitat dritt pretiz ghandu jkun akkompanjat bl-intenzjoni li dak li ghamel ghamlu billi agixxa bla ma ghamel rikors lejn l'awtorita Pubblika. Minkejja li l-kelma 'intenzjonalment' ma tinsabx fil-kliem tal-ligi, m'hemmx dubju li jrid ikun hemm tali ntenzjoni ghall-esistenza ta' dan ir-reat."*[14]

**Konkluzzjoni tal-Perit Legali**

Il-Qorti rat il-konkluzzjonijiet tal-Perit Legali:

[13] Deciza fis-16 ta' Lulju 1958.

[14] Pagna 19 tas-sentenza.

1. Fl-ewwel lok jibda biex jinghad li d-difiza fil-verbal tas-seduta tas-sitta (6) ta' Gunju 2018 eccepiet il-preskrizzjoni ta' sentejn (2) li fi kliem id-difiza kienet skorriet b'mod definittiv fl-ewwel (1) ta' Gunju 2018. Jehtieg ghalhekk li tigi analizzata din l-eccezzjoni stante li f'kaz li din tirrizulta fondata din sejra twassal ghall-estinzjoni tal-imputazzjonijiet li qeghdin jigu addebitati lill-imputat Dennis Vella.

2. Fir-rigward tar-reat ta' *raggion fattasi*, ghandu jinghad li r-reat ta' *raggion fattasi* mhuwiex reat kontinwat izda huwa **reat istantaneju li jista' jkollu effetti permanenti**. Ta' min hawnhekk jaghmel riferenza ghal dak li jghid il-Manzini fil-kummentarju tieghu ghall-Kodici Kriminali Taljan:

*"E` in ogni caso reato istantaneo, e non permanente, ancorche` possa avere effetti permanenti. Ne` importa che la violenza, specialmente quella sulle cose, possa continuarsi ininterrottamente per un certo tempo … perche` il reato si consuma nell'istante in cui l'agente si e` fatta ragione da se` medesimo con l'uso della violenza, per il quale uso e` sufficiente il fatto violento iniziale. Non si confonda, poi, il delitto permanente col delitto continuato."*[15]

3. Ta' min jirreferi wkoll ghall-kaz fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Cilia** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Ottubru 2015 (Appell Numru 339/13). Il-kaz kien jirrigwarda bdil ta' serratura f'zewgt ihwienet. Il-Qorti tal-Appell spjegat fid-dawl ta' dak li jsostni l-Manzini li minkejja li r-reat kellu effetti permanenti, xorta kellu jitqies bhala reat istantaneju. Per konsegwenza l-preskrizzjoni kellha tibda tiddekorri mid-data tal-konsumazzjoni tar-reat.

4. Fit-termini tal-akkuza hekk kif korretta jinghad li l-allegat fatt sehh fl-ewwel (1) ta' Gunju 2016 u fix-xhur ta' wara. **Id-data li trid tittiehed in kunsiderazzjoni hija d-data ta' meta rega' infetah ghall-ahhar darba il-bieb tal-ghalqa ta' Hili wara li dan ghal darba darbtejn kien inghalaq**

[15] Vincenzo Manzini, Trattato di Diritto Penale Italiano, Vol. V, Torino 1950, p. 996

**mill-istess Hili**. It-terminu preskrittiv applikabbli skont l-artikolu 688(e) huwa dak ta' sentejn peress li l-massimu tal-piena kontemplata mill-artikolu 85(1) huwa dak ta' tlett xhur prigunerija u allura anqas minn sena.

5. Fix-xhieda moghtija minn Paul Hili huwa xehed li *"il-passagg gie iffurmat fis-sajf 2016. Il-ftuh u l-gheluq tieghu minni dam sejjer ghal madwar hmistax (15) -il gurnata tas-sajf 2016. Nghid li forsi kien Gunju / Lulju 2016".*[16] Jekk wiehed iqis li dan l-incident tal-ftuh u l-gheluq tal-fetha beda ghaddej fl-ewwel (1) ta' Gunju 2016 (id-data li giet indikata fl-akkuza kif korretta) u dan il-ftuh u l-gheluq tal-fetha dam ghaddej mill-anqas hmistax -il gurnata, ifisser li l-fetha regghet saret ghall-ahhar darba u baqghet hemm mill-anqas fid-data tal-hmistax (15) ta' Gunju 2016. Dan ifisser li t-terminu preskrittiv kien jaghlaq fil-hmistax (15) ta' Gunju 2018. L-imputat ta ruhu b'notifikat bl-akkuzi kif emendati fis-sitta (6) ta' Gunju 2018 u ghalhekk ma jistax jinghad li t-terminu preskrittiv ta' sentejn kien lahaq ghadda. L-istess ragunament japplika ghall-fini tar-reat kontemplat taht l-artikolu 325. Jekk jista' jinghad li kienet sehhet xi hsara, din saret wara li l-apertura giet iffurmata ghall-ahhar darba u baqghet miftuha u cioe fil-hmistax (15) ta' Gunju 2016. It-terminu ta' sentejn indikat mid-difiza ghalhekk lanqas ma jista' jitqies li ghadda. Fl-umli fehma tal-esponenti ghalhekk tali eccezzjoni mhijiex fondata.

6. Iridu ghalhekk issa jigu ezaminati l-imputazzjonijiet veri u propji. Jibda biex jinghad li l-ewwel imputazzjoni ma tistax titqies li tirrizulta. Fit-termini tal-artikolu 325 apparti li trid issir prova li giet arrekata hsara b'mod volontarju, tali hsara tkun trid tigi kwantifikata. Tali prova ma saritx mill-prosekuzzjoni u l-parte civile. Mill-provi ma rrizultax li l-parte civile sofra xi tip ta' hsara u lanqas kemm kienet il-*quantum* ta' din l-allegata hsara. L-unika lamentela tal-parte civile hija li l-imputat qieghed jghaddi mill-ghalqa li ghandu f'idejh il-parte civile wara li halla fetha miftuha u li tali azzjoni tal-imputat qeghda itellef it-tgawdija tal-propjeta` li ghandu f'idejh il-parte civile: *"Ngħid li b'li għamel Dennis Vella jiena ma nistax immur ġo tiegħi għaliex Dennis Vella qiegħed jgħaddi minn fuq tiegħi meta m'għandux jgħaddi minn*

[16] Seduta tat-28 ta' Novembru 2017.

*hemm. Ngħid li huwa għandu jgħaddi minn triq oħra. L-aħħar li rajtu għaddej minn fuq dan il-passaġġ kien ilbieraħ."*[17] Apparti minn hekk il-fatt li xi hadd jifforma passagg fuq propjeta` ta' haddiehor ma jistax jigi klassifikat bhala "hsara" fis-sens tal-artikolu 325 tal-Kap. 9; il-kuncett ta' hsara f'dan l-artikolu **jimplika distruzzjoni totali jew parzjali tal-oggett u mhux semplici tfixkil fl-uzu ta' haga**. Dan qieghed jinghad minghajr pregudizzju ghall-azzjonijiet civili li jista' jkollu l-parte civile ghal rizarciment ta' danni li l-istess parte civile jista' jkollu dritt ghalih minhabba tali tfixkil. L-esponenti ghalhekk jemmen li l-imputat ghandu jigi liberat minn din l-ewwel imputazzjoni.

7. Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni u abbazi tal-principji legali esposti aktar 'l fuq, l-esponenti huwa konvint li ghandha tinstab htija fl-imputat Dennis Vella. Dan qieghed jinghad ghas-segwenti ragunijiet:

(a) Mill-provi hareg bic-car li Paul Hili ghandu l-kontroll tar-raba' in kwisjtoni. Dan xehdu kemm Paul Hili kif wkoll huh Joseph Hili. Apparti minn hekk Paul Hili jistqarr li Dennis Vella kien mar talbu permess biex iwaqqa' l-hajt tal-ghalqa biex Dennis Vella ikun jista' jaghmel xi xoghol fl-ghalqa tieghu. Dan il-fatt ma gie fl-ebda hin kontestat u lanqas ma tressqu provi biex iwaqqghu din id-dikjarazzjoni. Apparti minn hekk Paul Hili kien dejjem konsistenti fil-verzjoni li huwa ta kemm lill-Pulizija u anke fix-xhieda li ta in ezami u in kontro-ezami. Jista' jkun li Paul Hili m'ghandux id-dritt ta' inkwilinat tar-raba' in kwistjoni peress li ommu ghadha hajja; pero` ghall-fini tal-azzjoni kriminali dan ma jbiddel xejn mix-xenarju ghaliex kif inghad aktar 'l fuq il-Qorti f'kawza taht l-artikolu 85 mhix imsejha biex tezamina t-tip ta' titolu li wiehed jista' jkollu. Id-detenzjoni tal-haga hija sufficjenti biex wiehed ikun jista' jinvoka l-protezzjoni tal-artikolu 85.

(b) Ghalkemm huwa minnu li originarjament Paul Hili kien ta permess lil Dennis Vella biex jiftah il-hajt biex Vella jkun jista' jesegwixxi x-xoghlijiet li kellu jaghmel fl-ghalqa tieghu, Hili kien ghamilha cara ma' Vella li fi tmiem ix-xoghlijiet Vella kellu jerga' jaghmel kollox kif kien qabel u li kellu jerga' jaghlaq

[17] Xhieda ta' Paul Hili moghtija fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2017.

it-tul kollu tal-hajt miftuh minnu. Prova ta' dan huwa l-fatt li Vella rega' bena it-tul tal-hajt li huwa kien waqqa' u halla fetha ta' tlett (3) piedi. Li kieku ma kien hemm l-ebd arrangement f'dan is-sens, Vella ma kien jibni xejn. Mill-*aerial photos* prezentati jirrizulta bl-aktar mod car li qabel ma Dennis Vella talab lil Hili permess biex jikkrea access biex jghaddi mir-raba' f'idejn Hili biex jesegwixxi x-xoghlijiet, ma kienet tezisti l-ebda fetha;

(c) Huwa minnu li l-parte civile ma rax lil Dennis Vella jerga' jiftah il-fetha. Pero` l-provi cirkustanzjali jindikaw li Dennis Vella kien il-persuna li wettaq dan. Ix-xhieda li gew prodotti jindikaw lilu biss bhala li kien qieghed jghaddi mill-fetha imhollija u jaghmel uzu mill-passagg iffurmat fuq l-ghalqa ta' Hili. Ix-xhieda ahwa Hili jikkonfermaw li Vella kien qieghed jghaddi minn dan il-passagg ta' sikwit biex jasal ghall-propjeta` tieghu. Apparti minn hekk fil-verzjoni li Dennis Vella kien ta lil PS 1233 John Attard fl-4 ta' Marzu 2017, Vella fl-ebda hin ma cahad li huwa kien rega' fetah il-bieb fl-ghalqa fil-pussess ta' Hili jew inkella cahad li kien qieghed jghaddi minn fuq l-ghalqa ta' Hili. Anzi lis-Surgent qallu: *"Il-passagg li hemm ghandi dritt nghaddi minnu. Ma hemmx passaggi ohra. Lili minn hemm qaluli nghaddi ghaliex minn hemm ghandi dritt nghaddi."*[18]

(d) Jekk Dennis Vella ghandu xi problema biex jaccedi ghall-ghalqa tieghu, kien obbligat li huwa jirrikorri lejn l-Awtorita` tal-Qorti biex huwa jinghata dritt ta' passagg necessarju. Ma kienx lecitu li huwa jipprova jiehu vantagg minn pjacir maghmul lilu mill-parte civile fi sforz sabiex jikkrea access ghall-ghalqa tieghu fejn qabel tali access ma kienx jezisti. Il-fatt li kien hemm ostakolu ghall-ezercizzju ta' dan id-dritt hareg mill-fatt li din il-fetha li thalliet minn Vella inghalqet ghal darba darbtejn. Vella qies li la darba kien inghata permess biex jghaddi ghal ftit zmien dak il-permess seta' jdawru fid-dritt perpetwu ta' access u dan minghajr ma jiehu l-proceduri legali opportuni. Ghazel li jaghmel dan kollu *di privato braccio*.

[18] Affidavit ta' PS 1233 John Attard, markat bhala Dokument A u prezentat fis-seduta fl-24 ta' Lulju 2017.

## Sottomissjonijiet finali tad-difiza

Il-Qorti rat is-sottomissjonijiet finali tad-difiza:

Illi hawn hekk ninsabu fil-kamp kriminali w tnejn mir-regoli principali li joperaw f'dan il-kamp huma (1) r-regola tal-ahjar prova u (2) r-regola li l-prova trid tkun wahda 'l fuq mid-dubbju ragjonevoli.

Fil-kaz in ezami l-kwerelant jallega illi hu kien il-persuna li ghandha d-detenzjoni tar-raba' b'titolu ta' kera ossia qbiela. Kien ghalhekk jispetta lill-kwerelant illi jgib prova sufficjenti li hemm hekk jew huwa tieghu jew altrimenti huwa legalment intitolat juzah fis-sens li ghandu l-pussess tieghu. Dan ried jaghmlu permezz tal-ahjar prova li f'dan il-kaz kellha tkun jew b'kuntratt ta' qbiela jew ghal anqas ricevuta ta' qbiela, jew ghal anqas prova minn sid l-art illi dik l-art in kwistjoni qieghda mqabbla ghand il-kwerelant. Minn dan kollu ma ngab xejn.

Ghal kuntrarju l-unika prova li gab il-kwerelant hija l-kuntratt ta' divizjoni tal-familja ta' Buttigieg Depiro, li wiehed jassumi ghaliex l-anqas hemm certezza dwar dan, illi huwa s-sid tal-art in kwistjoni w ma huwiex prova sufficenti.

Jirrizulta anzi mill-kontro-ezami illi l-kwerelant lanqas huwa inkwilin. Jghid car fil-kontro-ezami tieghu tas-6 ta' Gunju 2018 illi l-inkwilina hija ommu. Anke' wkoll kieku ma qalx dan skond il-ligi l-inkwilina hija l-armla gialadarba ma kien baqa' hadd jghix id-dar skond kif jikkonferma l-kwerelant stess. Jinghad illi anke' dwar il-pussess tar-raba' daqqa jinghad illi r-raba' hija f'idejn il-kwerelant u daqqa ohra huh Joseph li xhed f'dawn il-proceduri jghid illi "*huma jahdmuh*", f'mument iehor jghid li jghin lill-huh u f'mument iehor jirreferi ghalih bhala "*taghna*". L-esponenti jemmen illi fuq din in-nuqqas ta' prova ta' pussess jew detenzjoni legittima, kaz ta' raggion fattasi ma jistax ikompli jimxi 'l quddiem. Fil-mankanza ta' din il-prova r-reat ma jistax jissussisti.

Hemm ukoll nuqqas ta' prova fid-data ta' l-allegat reat. Fix-xhieda tieghu tat-28 ta' Novembru 2018 il-kwerelant jghid illi xi sena u nofs qabel l-imputat kien talbu permess sabiex jghaddi minn go dik l-ghalqa mbaghad wara li heles ma ghalaqx l-apertura illi kien fetah. Sussegwentament jghid illi kien fis-sajf tal-2016 u jghid li kien ghal habta ta' Gunju u Lulju. Fil-kontro-ezami jghid illi z-zmien ma jiftakrux anzi jghid li kien fix-xitwa meta heles. Huh Jospeh Hili fix-xhieda tieghu jghid illi ma jiftakarx iz-zmien izda jidher illi fil-kontro-ezami, li sar xi xhur wara, jidher li gie lluminat u jghid illi kien f'Gunju 2016. Fid-dawl ta' dawn id-ditubanzi w incertezzi kollha ma jistax jinghad illi z-zmien gie pruvat sal-grad illi tirrikjedi l-ligi w kwindi l-imputazzjoni ma tistax tirrizulta.

Fil-mertu w minghajr pregudizzju ghas-sottomissjonijiet fuq maghmula, il-kwerelant jghid illi l-imputat kien talbu permess biex jiftah parti mill-hajt u jghaddi minn go fiha. Meta kellu jaghlaq ma ghalaqx kollox izda halla parti miftuha kwindi jirrizulta illi dan ma ghamel xejn gdid izda zamm il-pussess li kellu qabel fis-sens illi ma kien hemm l-ebda' azzjoni pozittiva gdida li biha l-imputat holoq xi haga.

Similment jista' jkun kaz jekk il-kwerelant jallega illi l-imputat ma zammx ma' l-obbligi tieghu izda dan ma jistax jirrizulta fir-reat ta' raggion fattasi li jippresupponi azzjoni pozittiva li wiehed jaghmel xi haga u m'hux izomm pussess li dega' ghandu.

Hekk gie deciz fis-sentenza **l-Pulizija -vs- Eileen Said** (Appell Kriminali 19/06/2002) fejn gie ritenut illi r-reat ma jississistix <u>meta l-att materjali jikkonsisti f'ritenzjoni ta' pussess li dak li jkun (l-imputat) gia jkollu</u>. Din is-sentenza ticcita wkoll minn Carrara (Vol. V page 2850):

"*L'atto esterno deve privare altro contro sua voglia di un bene che gode. Chi e' nell attuale godimento di un diritto e continua a godere a dispetto di chi non voglia, non delinquene perche' la lege protegge lo stato quo, il quale*

*non puo variarsi tranne per consenso degli interessati o per decreto della autorita gudizziale*".

Dan il-punt huwa wkoll ikkonfermat fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **l-Pulizija -vs- Carmel Farrugia** deciza fis-17 ta' Frar 1995.

Ghalhekk meta l-imputat zamm il-pussess li dega' kellu w ghalkemm allegatament ma aderixxiex ma' l-obbligu tieghu li jaghlaq il-hajt kollu kemm hu w baqa' jidhol bhal ma kien qed jaghmel qabel bil-kunsens tal-kwerelant, anke' jekk dak il-kunsens imbaghad kien spicca, xorta wahda l-imputat ma ghamel xejn gdid u ma holoq l-ebda reat gdid izda baqa' fl-istess tgawdija li kellu qabel. Wiehed ma jridx jinsa illi r-reat ta' raggion fattasi huwa wiehed instantanju.

Il-kwerelant jghid illi huwa ghamel il-gebel darbtejn u xi hadd nehhihom. Ma jghid li ra lill-hadd pero' jissuspetta fl-imputat. Dan is-suspett ma gie pruvat minn imkien u fil-kamp kriminali ma nistghux nimxu fuq suspetti biss izda huma mehtiega provi cari illi jikkorroboraw dak is-suspett. L-esponenti umilment isostni li provi bhal dawn ma ngabux.

## KONKLUZZJONIJIET

**Din il-Qorti rat dak li stabilixxa fir-rapport tieghu l-perit legali Dottor Jean Paul Grech, u wara li rat is-sottomissjonijiet finali tad-difiza dwar il-konkluzzjonijiet tar-rapport tikkonkludi:**

1. Fl-ewwel parti tan-nota tieghu, l-imputat qieghed jidhol fil-kwistjoni dwar jekk ghandux titolu validu fuq il-proprjeta` in

kwistjoni. Mhux kompitu pero` ta' Qorti ta' kompetenza kriminali biex tara jekk fil-verita` l-*parte civile* ghandux xi dritt jew le vis-à-vis il-proprjeta` in kwisjtoni. Mhux kompitu tal-Qorti li toqghod tidhol fil-kwistjoni jekk il-*parte civile* ghandux titolu validu u regolari ta' qbiela jew le, sewwasew kif qieghed jippretendi l-imputat. Il-mistoqsija li wiehed irid jaghmel hija din: b'dak maghmul mill-imputat, it-tgawdija li seta' kellu l-*parte civile* tfixklet jew le? Il-Qorti mhix imsejha u ma tistax tidhol f'ezercizzju sabiex tistabbilixxi jekk it-tgawdija li ghandu l-*parte civile* hijiex wahda civilment lecita jew le. Din hija materja ta' Qorti ta' kompetenza civili. Mill-provi l-istess imputat irrikonoxxa li t-tgawdija kienet f'idejn Paul Hili ghax kien l-istess imputat li talab permess lil Paul Hili biex iwaqqa' l-hajt. Li kieku Hili ma kellux kontroll jew xi forma ta' tgawdija fuq ir-raba in kwisjtoni, l-imputat Vella ma kienx jitlob lilu ghall-permess.

2. Rigward id-data tal-akkuza, anke jekk ghall-grazzja tal-argument kellha tigi skartata x-xhieda ta' Joseph Hili, xorta jibqa' l-fatt li Paul Hili kien konsistenti dwar iz-zmien meta sehh ir-reat. Il-kronologija tal-fatti harget cara fid-deposizzjoni ta' Paul Hili.

3. Kien hemm azzjoni pozittiva tal-imputat Dennis Vella li fetah l-apertura li l-*parte civile* kien ghalaq biex il-hajt jerga' jigi shih kif kien qabel. Veru li l-*parte civile* ma rax lill-imputat jiftah il-bieb hu. Pero` l-provi cirkustanzjali li tressqu kollha jippuntaw lejn l-imputat Vella. Apparti minn hekk ma kien hemm xejn li jqajjem dubju dwar il-veracita` ta' dak li xehed Paul Hili. Dan apparti l-fatt li meta mitkellem mill-Pulizija, Dennis Vella ma cahadx li kien hu li rega'

fetah il-hajt (Ara paragrafi 51 (b) u (c) tar-rapport). Ghalhekk l-argument tal-imputat li huwa zamm pussess li seta' kellu ma jregghix. Kien ikun il-kaz kif qed jghid l-imputat li kieku l-bieb baqa' dejjem miftuh. Imma la darba inghalaq ghal darba darbtejn minn Hili u Vella rega' fethu, kien hemm azzjoni pozittiva da parti tal-imputat li tammonta ghall-ksur tal-artikolu 85(1). Fin-nota tieghu l-imputat donnu wkoll jammetti li l-arrangament kien li kellu jinghalaq kollox kif kien; pero` fl-istess nifs hemm x'jindika li huwa rega' fetah il-hajt u qed jippretendi li m'ghandu l-ebda htija ghax hu ma kienx pro-attiv u zamm biss dak li diga` kellu. Dan ir-ragunament ma jsegwix.

**DECIDE:**

Ghaldaqstant fid-dawl tal-provi u tal-konstatazzjonijiet hawn maghmula, il-Qorti tiddeciedi:

Li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mid-difiza fis-seduta tas-sitta (6) ta' Gunju 2018 qeghda tigi michuda;

Li ma gewx sodisfatti l-elementi kollha sabiex l-imputat jigi misjub hati tar-reat kontemplat fl-artikolu 325 tal-Kap. 9 u ghalhekk l-imputat Dennis Vella qieghed jigi liberat mill-ewwel (1) imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu;

Ghall-motivi spjegati aktar 'il fuq l-imputat Dennis Vella qieghed jinstab hati tat-tieni (2) imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu u cioe` li bil-ħsieb li jeżerċita xi dritt li ppretenda li għandu u bi ksur tal-Artikolu ħamsa u tmenin (85) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu disgħa (9) tal-Liġijiet ta' Malta, huwa fixkel lil Paul Hili fil-pussess ta' hwejgu kompletament jew parzjalment billi fforma passaggi fuq ir-raba' maghrufa bhala "Tal-Ghama" fl-inhawi tat-triq li tiehu ghal Wasteserve fil-limiti tax-Xewkija, Ghawdex u qeghda tikkundannah multa ta' mitejn ewro (€200).

*Inoltre*, il-Qorti ai termini tal-artikolu 377(3) tal-Kodici Kriminali qeghda tordna lill-imputat Dennis Vella jaghlaq il-fetha li huwa fforma fir-raba' ta' Paul Hili biex hekk ma jibqa' l-ebda passagg jew access minn fuq ir-raba' ta' Paul Hili ghar-raba ta' Dennis Vella u dan fi zmien xahar millum, taht ammenda ta' ghaxar euro (€10) kuljum ghal kul gurnata ta' ritard.

Finalment, wara li rat Artikolu 533 tal-Kap 9 tordna lil Dennis Vella jhallas is-somma ta' hames mija u seba' u tletin ewro u sbatax-il centezmu (€ 537.17) bhala spejjez peritali li jridu jithallsu fi zmien xahar millum.

---

**Dr. Joseph Mifsud**

**Magistrat**